PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2012/2016(BUD)

16.5.2012

EMENDI
1 - 31

Abbozz ta' opinjoni
Salvatore Iacolino
(PE487.917v01-00)

dwar il-Mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz ta' Baġit 2013
(2012/2016(NLE))

AM_Com_NonLegOpinion

Emenda 1
Sylvie Guillaume

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Jiddispjaċih li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira fis-sotto-intestatura 3a meta mqabbel mal-2012;	1. Jiddispjaċih li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira fis-sotto-intestatura 3a meta mqabbel mal-2012 ***minkejja l-ambizzjonijiet dejjem akbar tal-UE fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, kif deskritt kemm fit-Trattat ta' Lisbona u ukoll fil-Programm ta' Stokkolma (2010-2014)***;

Or. en

Emenda 2
Timothy Kirkhope

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. ***Jiddispjaċih*** li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira fis-sotto-intestatura 3a meta mqabbel mal-2012;	1. ***Jinnota*** li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira ***f'approprjazzjonijiet ta' impenn, iżda żieda sinifikanti fl-approprazzjonijiet ta' pagament*** fis-sotto-intestatura 3a meta mqabbel mal-2012;

Or. en

Emenda 3
Kinga Göncz

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
1. Jiddispjaċih li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira fis-sotto-intestatura 3a meta mqabbel mal-2012;	1. Jiddispjaċih li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni jirrappreżenta biss żieda żgħira fis-sotto-intestatura 3a meta mqabbel mal-2012; ***jitlob baġit li jikkonforma aktar mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali;***

Or. en

Emenda 4
Timothy Kirkhope

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
2. Jinsisti li, ***minkejja*** l-kriżi ekonomika ***u r-razzjonalizzazzjoni*** tal-infiq***, is-sena finanzjarja 2013 hija sena ta' konnessjoni għall-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid***; ***konsegwentement, jeħtieġ li l-baġit 2013 ikun adegwat bħala prerekwiżit għall-qafas finanzjarju għall-2014-2020;***	2. Jinsisti li, ***b'kunsiderazzjoni tal-kriżi*** ekonomika u ***tal-isforzi għar-razzjonalizzazzjoni*** tal-infiq ***li għadu għaddej fl-Istati Membri, l-Abbozz ta' Baġit 2013 m'għandux jiżdied meta mqabbel mal-2012***;

Or. en

Emenda 5
Sylvie Guillaume

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	2a. Jenfasizza l-importanza li l-baġit tal-UE jiffoka fuq il-valur miżjud tal-UE u jkabbar kemm jista' jkun l-effiċjenza tal-finanzjament nazzjonali f'oqsma ta' interess komuni tal-UE;

Or. en

Emenda 6
Kinga Göncz, Sylvie Guillaume

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	2a. Jiddispjaċih li kienet proposta biss żieda żgħira għall-programm Drittijiet Fundamentali u Ċittadinanza; jitlob li tingħata attenzjoni xierqa u biżżejjed riżorsi għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-xenofobija u kwalukwe forma ta' diskriminazzjoni, speċjalment fil-kuntest tal-intolleranza dejjem akbar esperjenzata fl-Ewropa b'konsegwenza tal-krizi finanzjarja attwali;

Or. en

Emenda 7
Franziska Keller

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jiddeplora t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus;	3. Jiddeplora t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus ***u jenfasizza li l-flus għandhom ikunu disponibbli għall-prevenzjoni tal-kriminalità***;

Or. en

Emenda 8
Timothy Kirkhope

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. ***Jiddeplora*** t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus;	3. ***Jiddispjaċih li*** t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar ***mill-attakki minn terroristi u estremisti u l-isfidi kontinwi kkawżati minn ċrieki ta' kriminalità organizzata li joperaw fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 9
Monika Hohlmeier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. ***Jiddeplora*** t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus;	***3. Jinsab imħasseb dwar*** t-tnaqqis ***radikali*** propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus ***u b'kunsiderazzjoni taż-żieda fil-kriminalità internazzjonali***; ***jitlob baġit adegwat li jikkorrispondi ma' dawn l-isfidi;***

Or. en

Emenda 10
Alexander Alvaro, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
3. Jiddeplora t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità ***u t-terroriżmu***, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus;	3. Jiddeplora t-tnaqqis propost mill-Kummissjoni fil-programmi għall-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità, meta titqies l-importanza ta' dan il-qasam għall-UE kif inhu ċar fit-twaqqif reċenti tal-Kumitat Speċjali dwar il-Kriminalità Organizzata, il-Korruzzjoni u l-Ħasil tal-Flus;

Or. en

Emenda 11
Antigoni Papadopoulou

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Jiddispjaċih li l-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni għas-Sena Ewropea taċ-Ċittadini għall-2013 jikkostitwixxi l-iċken baġit li qatt kien allokat għal Sena Ewropea u jirrakkomanda li s-Sena Ewropea għall-2013, tingħata finanzjament suffiċjenti u adegwat;

Or. en

Emenda 12
Alexander Alvaro, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Iqis li parti sinifikanti mill-fondi disponibbli fil-linji baġitarji xierqa għandha tkun allokata biex tindirizza l-bżonnijiet dejjem jiżdiedu taċ-ċibersigurtà tal-UE, filwaqt li jintużaw bis-sħiħ is-sinerġiji possibbli tal-programmi eżistenti;

Or. en

Emenda 13
Monika Hohlmeier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza l-fatt li l-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità hi waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Istrateġija għas-Sigurtà Interna tal-UE; jinsisti li ġlieda msaħħa kontra ċ-ċiberkriminalità fil-livell tal-Unjoni permezz taċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) jirrikjedi finanzjament adegwat u l-kompiti tal-EC3 kif identifikati mill-Kummissjoni ma jistgħux jitwettqu bir-riżorsi umani u finanzjarji attwali tal-Europol; jiddeplora f'dan il-kuntest, it-tnaqqis propost mill-Kummissjoni għall-Europol;

Or. en

Emenda 14
Sylvie Guillaume, Kinga Göncz

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-erba' fondi taħt il-programm tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni; jiddispjaċih ħafna, madankollu, ***dwar il-fatt li l-ammonti previsti fl-ippjanar finanzjarju għall-2007-2013 jinżammu biss għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati***;	4. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-erba' fondi taħt il-programm tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni; Jiddispjaċih ħafna, madankollu, ***għall-iżbilanċ bejn il-fondi differenti, bi prijorità tingħata lill-Fond għall-Fruntieri Esterni u l-Fond Ewropew ta' Ritorn; jenfasizza li sehem ibbilanċjat ta' riżorsi finanzjarji għandu jiġi allokat lill-Fond għar-Refuġjati u lill-Fond għall-Integrazzjoni***;

Or. en

Emenda 15
Franziska Keller

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-erba' fondi taħt il-programm tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni; jiddispjaċih ħafna, madankollu, dwar il-fatt li l-ammonti previsti fl-ippjanar finanzjarju għall-2007-2013 ***jinżammu biss għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati***;	4. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-erba' fondi taħt il-programm tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni; jiddispjaċih ħafna, madankollu, dwar il-fatt li l-ammonti previsti fl-ippjanar finanzjarju għall-2007-2013 ***tal-Fond għall-Integrazzjoni tnaqqsu***;

Or. en

Emenda 16
Monika Hohlmeier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
4. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-erba' fondi	4. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-erba' fondi

taħt il-programm tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni; jiddispjaċih ħafna, madankollu, dwar il-fatt li l-ammonti previsti fl-ippjanar finanzjarju għall-2007-2013 jinżammu biss għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati;

taħt il-programm tas-Solidarjetà u l-Ġestjoni tal-Flussi tal-Migrazzjoni ***meta mqabbel mal-baġit 2012***; jiddispjaċih ħafna, madankollu, dwar il-fatt li l-ammonti previsti fl-ippjanar finanzjarju għall-2007-2013 jinżammu biss għall-Fond Ewropew għar-Refuġjati;

Or. en

Emenda 17
Simon Busuttil

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Jinnota li għandhom ikunu disponibbli riżorsi finanzjarji bl-iskop tar-rilokazzjoni intra UE tal-migranti abbażi tas-solidarjetà mal-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjonijiet migratorji sproporzjonati minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom;

Or. en

Emenda 18
Alexander Alvaro, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Iqis li jenħtieġ li jitqiegħed f'riżerva:
	a) partijiet sostanzjali ta' SIS II, sakemm ma jintwera li ż-żieda fil-fondi hi ġustifikata bis-sħiħ,
	b) parti mill-baġit relatat mal-persunal sakemm il-proposta legali għall-qafas legali u tekniku għall-estrazzjoni ta' data

dwar it-tranżazzjonijiet finanzjarji fit-territorju tal-UE tkun ġiet ippreżentata u l-elementi kollha tal-Ftehim TFTP jkunu ġew implimentati skont id-dispożizzjonijiet tiegħu u

c) riżerva pożittiva fil-programm għal Prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità, sabiex jingħata appoġġ lill-azzjonijiet li jikkoordinaw aħjar l-isforzi dwar iċ-ċiberkriminalità bejn l-Aġenziji differenti, inkluż l-ENSA;

Or. en

Emenda 19
Monika Hohlmeier

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Jinnota ż-żieda sinifikanti f'impenji u l-livell relattivament baxx ta' pagamenti għal SIS II; jinnota, li sa mill-2013, is-SIS II għandu jiġi ġestit mill-Aġenzija IT u għalhekk għandhom jiġu kopruti l-aktar skont il-baġit tal-Aġenzija; jirrakkomanda li sehem sostanzjali tal-baġit għal SIS II għandu jinżamm fir-riżerva sakemm iseħħ il-progress operazzjonali u tkun ippruvata l-konformità mal-ippjanar finanzjarju;

Or. en

Emenda 20
Marian-Jean Marinescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Jilqa' ż-żieda fil-baġit għall-Aġenzija IT li għandha tieħu f'idejha s-sistemi eżistenti (Eurodac, VIS u SIS II); jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat permezz il-koordinament bejn is-sistemi UE IT eżistenti u l-iżvilupp tal-ġestjoni tal-fruntiera integrata, permezz tal-Aġenzija IT;

Or. en

Emenda 21
Franziska Keller

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	4a. Jitlob lill-Kummissjoni tiġġustifika l-bżonnijiet finanzjarji ulterjuri għal SIS II u jistaqsi meta din se tkun operattiva;

Or. en

Emenda 22
Alexander Alvaro, Renate Weber

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Jinsisti li l-Aġenziji għandhom, abbażi tal-kontribut u r-riżultati tagħhom, jirċievu fondi xierqa u jkunu allokati l-persunal meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet tagħhom;	Jinsisti li l-Aġenziji għandhom, abbażi tal-kontribut u r-riżultati tagħhom, jirċievu fondi xierqa u jkunu allokati l-persunal meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet tagħhom; ***jikkunsidra li jistgħu jinkisbu sinerġiji sinifikanti u tfaddil amministrattiv, jekk il-mandati u l-ambitu tal-Aġenziji jiġu miflija u rireżaminati***

qabel il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss;

Or. en

Emenda 23
Timothy Kirkhope

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 5

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
5. Jinsisti li l-Aġenziji għandhom, abbażi tal-kontribut u r-riżultati tagħhom, jirċievu fondi xierqa u jkunu allokati l-persunal meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet tagħhom;	5. Jinsisti li l-Aġenziji għandhom, abbażi tal-kontribut u r-riżultati tagħhom ***u b'kundsiderazzjoni s-sitwazzjoni ġenerali tal-finanzi pubbliċi fl-UE***, jirċievu fondi xierqa u jkunu allokati l-persunal meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet tagħhom;

Or. en

Emenda 24
Simon Busuttil

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
6. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni pproponiet riżorsi umani u finanzjarji insuffiċjenti biex jiġi żgurat il-funzjonament tal-EASO;	6. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-Kummissjoni pproponiet riżorsi umani u finanzjarji insuffiċjenti biex jiġi żgurat ***l-iżvilupp kontinwu u*** l-funzjonament tal-EASO; ***jinnota li l-EASO għandu jkollu rwol kruċjali speċjalment fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-Twissija Bikrija, il-Mekkaniżmu ta' Tħejjija u Ġestjoni tal-Kriżi kif previst mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2012 dwar il-Qafas Komuni għal solidarjetà ġenwina u prattika fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jiffaċċjaw pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-***

asil tagħhom, inkluż permezz ta' flussi ta' migrazzjoni mħallta;

Or. en

Emenda 25
Sylvie Guillaume, Kinga Göncz, Anna Hedh

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iqis li, fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Frontex, għandu jiġi allokat lilha persunal addizzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 26
Marian-Jean Marinescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iqis li, fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Frontex, għandu jiġi allokat lilha persunal addizzjonali;	7. Iqis li, fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Frontex, għandu jiġi allokat lilha persunal addizzjonali; ***barra minn hekk, jenħtieġ finanzjament adegwat għal attivitajiet ta' appoġġ għall-Frontex, bħal taħriġ dwar azzjonijiet f'każ ta' sitwazzjonjiet ta' emerġenza u għal sistema Ewropea ġdida ta' għassiesa tal-fruntiera;***

Or. en

Emenda 27
Franziska Keller

Abbozz ta' opinjoni

Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iqis li, fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Frontex, għandu ***jiġi allokat lilha persunal addizzjonali***;	7. Iqis li, fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Frontex, għandu ***jaħtar uffiċjal għad-Drittijiet fundamentali, malajr kemm jista' jkun, u kull baġit addizzjonali għal impjiegi ġodda għandu jitqiegħed fir-riżerva sakemm jimtela' dan il-post;***

Or. en

Emenda 28
Simon Busuttil, Jan Mulder

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
7. Iqis li, fid-dawl tal-mandat il-ġdid tal-Frontex, għandu jiġi allokat lilha persunal addizzjonali;	7. Iqis li, fid-dawl ***tal-kompiti miżjuda tagħha skont il-mandat*** il-ġdid ***kif ukoll l-implimentazzjoni futura tal-EUROSUR*** tal-Frontex, għandu jiġi allokat lilha persunal addizzjonali

Or. en

Emenda 29
Marian-Jean Marinescu

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7a. Itenni il-bżonn ta' finanzjament f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza u jikkunsidra li għandu jkun hemm disponibbli minnufih mekkaniżmu ta' reazzjoni u allokat skont is-sitwazzjonijiet dejjem jinbidlu;

Or. en

Emenda 30
Sylvie Guillaume, Kinga Göncz, Anna Hedh

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7a. Jinsisti li għandu jiġi allokat finanzjament speċifiku għall-iżvilupp ta' kontrolli tal-fruntiera sensittivi għall-protezzjoni, li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tal-migranti u li jikkonformaw mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE inkluż il-kontest tal-operazzjonjiet tal-Frontex;

Or. en

Emenda 31
Sylvie Guillaume

Abbozz ta' opinjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Abbozz ta' opinjoni	*Emenda*
	7b. Jilqa' r-rwol tal-finanzjament tal-UE fil-promozzjoni tas-solidarjetà fost l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil;

Or. en